REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 642/2007

tal-11 ta' Ġunju 2007

li jintroduċi denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti Bryndza Podhalańska (DPO)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1], u partikolarment l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u skond l-Artikolu 17(2) ta' l-imsemmi Regolament, l-applikazzjoni tal-Polonja biex id-denominazzjoni "Bryndza Podhalańska" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Billi ebda oġġezzjoni, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha għalhekk tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni li tinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tkun irreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[2] ĠU C 230, 23.9.2006, p. 2.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum tal-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3 **Ġobon**

IL-POLONJA

Bryndza Podhalańska (DPO)